**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 56**

**Il-Ġimgħa 24 ta’ Marzu 2023**

Il-Kunsilli Lokali ta’ Marsaxlokk iltaqa’ fil Binja tal Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 ta’ wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Dr Mary Musact | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

<table>
<tr><td>56.1</td><td>Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji</td></tr>
<tr><td>56.1.1</td><td>Ittri ta apoloġiji ma hemm xejn. Innutat li s Sur Daniel Zerafa ma kienx preżenti mill-bidu .</td></tr>
<tr><td>56.2</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti</td></tr>
<tr><td>56.2.1</td><td>Elenia Desira ipproponiet u Stephen Caruana issekonda bħala koretti l-minuti tal-laqgħa numru 55 li saret fi Frar 2023 u ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti.</td></tr>
<tr><td>56.3</td><td>Komunikazzjonijiet mis-Sindku.</td></tr>
<tr><td>56.3.1</td><td>Żewg rappreżentanti tal-monti kellhom xi mistoqsijiet dwar il-monti. Is-Sindku qal li dan għadu mhux organizzat u ser jiġi organizat aktar ‘l quddiem.</td></tr>
<tr><td>56.3.2</td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar it-28 ta’ Frar 2023 is-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Matthew Mallia mir-Reġjun tan-Nofsinhar minħabba l-latrina ta’ ħdejn l-Iskuna. Is-Sindku spjega li ser japplikaw mal-Planning Authority sabiex iżidu biċċa u din tiġi toilet għall-persuni b’diżabiltà u shower waħda.</td></tr>
<tr><td>56.3.3</td><td>Central Strip tal Magħluq</td></tr>
<tr><td></td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti lis-Sid ir-ristorant IPlace talab biex jieħu ħsieb ic-center strip. Is-Sindku propona li dan se jagħti kumpens lill-Kunsill. Is-Sur Daniel Zerafa ilmenta li l-ħamrija mhux tajba kif ukoll ser jinħoloq preċedent għall-oħrajn.<br><br>Taqbel li l-IPlace jieħu ħsieb is-Centre Stip?<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Asstensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td></td><td></td><td>X</td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td></td><td></td><td>X</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td></td><td>X</td><td></td></tr>
</table>
<br>Mozzjoni Ghaddiet. Żewġ voti favur, wieħed kontra u żewġ asstejonijiet.</td></tr>
<tr><td>56.3.4</td><td>Torri Vendome</td></tr>
<tr><td></td><td>Saret Diskussjoni ma’ Heritage Malta dwar pjan ta x’jista jsir. Għal dan Daniel Zerafa staqsa għalfejn ma kienx infurmat fejn is-Sindku wieġeb li hu kien imsiefer. Is-Sindku kompla jgħid li hemm il-ħsieb li jsir mużew tas-Sajd. Ser jitfassal pjan u li jiġi diskuss mill-Kunsill jekk hemx qbil fuqu.</td></tr>
<tr><td>56.3.5</td><td>Yellow line tax-Xatt.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | Yellow line sar. Is-Sindku informa li kien hemm sid ta' ħanut li lmenta. Ġie spjegat li hemm spazju ta' 3 Karozzi. Is-Sindku propona biex issir spazju fejn isir għall użu tal-Bank.<br><br>Taqblu li tibqa kif inhi (Un/Loading bay) jew issir għall użu tal-Bank?<br><br>**Isem** / **Iva għal użu tal-Bank** / **Le, tibqa kif inhi**<br>Steven Grech: X / –<br>Elenia Desira: – / X<br>Mary Muscat: – / X<br>Stephen Caruana: X / –<br>Daniel Zerafa: – / X<br><br>Il Kaxxa safra ser tibqa kif inhi bi 3 voti favur u 2 kontra. |
| 56.3.6 | **Parking taxis Triq Duncan** |
| | Taqbel li Taxi il-bojod jersqu gewwa l-parking tal-Magħluq?<br><br>**Isem** / **Iva** / **Le** / **Asstensjoni**<br>Steven Grech: X / – / –<br>Elenia Desira: X / – / –<br>Mary Muscat: X / – / –<br>Stephen Caruana: – / – / X<br>Daniel Zerafa: X / – / –<br><br>Vot għadda b'4 voti favur u 1 astjena |
| 56.3.7 | Stephen Caruana staqsa jekk hux possibli li tiġi estiża iż-żona għall użu tas-sajjieda. Is-Sindku propona iż-żona fejn hemm il-laneċ tal-post u qal li din tkun ideali li tkun għalihom biex jonxru. Sar qbil li tintbgħat ittra lill-Ministeru li titwaqqa il-kamra tal-koperattiva, tmur in-naħa l-oħra u jsir spazju għas-sajjieda. |
| 56.3.8 | **Ilment Triq Duncan u Triq Santa Katerina.** |
| | Is-Sindku informa li daħal ilment minn resident f'din it triq fejn saħansitra marret tilmenta mal-awtoritajiet minħabba un/loading tal-vannijiet u tabelli mal-faċċata tagħha. Is-Sindku spjega li din m'għandiex raġun għax il-bankina u it triq mhux tagħha. |
| 56.3.9 | **Pjazza Bartilmew Longo** |
| | Is-Sindku informa li daħal ilment li f'din il pjazza qed isir parking u sewqan bl-addoċċ. Ir-residenti ilmentaw li ma jixtiqux li tibqa kif inhi. Is-Sindku ppreżenta pjanta u propona li l-*parking bays* isiru immejlin u jidħlu ġo xulxin. Is-Sindku staqsa lil Transport Malta sabiex jaraw hux possibli li ssir hekk. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jaqblux. |

| | |
|---|---|
| 56.3.10 | **Servizz tal-vann tal-Komunità– Skeda** |
| | Is-Sindku informa li nstab sewwieq għall-van tal-komunità. Dan il-Vann jagħti servizz minn Marsaxlokk / Raħal Ġdid / Żejtun. Principarjament ghal dawn il-postijiet:<br><br>Polyclinic Poala; Community Clinic Marsaxlokk; Day Centre Poala / Zejtun.<br><br>Il-van jibda jopera mis-6.45am sa 12.30pm u jkun għall l-użu ta nies ta' età 55+ u każijiet speċjali bħal nies b'nuqqas ta mobbiltà. |
| 56.3.11 | **Barumbara** |
| | Is-Sindku ippreżenta pjanta u tkellem dwar l-aħjar l-għażla għal din il-barumbara anki sabiex ma ssiriliex ħsara. |
| 56.3.12 | **Triq Tas-Silġ** |
| | Is-Sindku informa li l-proposti li kienu tressqu mill-Kunsill dwar din it-triq waqfu peress li kien hemm min ma qabilx magħhom. Huwa talab li ssir laqgħa sabiex jiġu diskussi l-proposti. |
| 56.3.13 | **Tourist Office** |
| | Wara diskussjonijiet mal-Perit, Is-Sindku propona lill-Kunsilliera li l-entratura tat-Tourist Office issir fuq disinn ta Luzzu. Din il-proposta intbgħatet ukoll lil Ministeru tat-Turiżmu. Kien hemm qbil unnanimu bejn dawk preżenti għal din il-proposta. |
| 56.3.14 | **Tabelli tal-Monti.** |
| | Is-Sindku informa lil dawk preżenti li nġibu fondi sabiex jinbidlu it-tabelli kollha ta matul ix-xatt. Dawn ser jinqraw hekk kif ġej<br><br>**RESERVED FOR SUNDAY MARKET HAWKERS FROM 5.30AM TILL 3.00PM**<br><br>**FISHBONE PARKING FOR PERMIT HOLDERS ONLY ON SUNDAY TILL 3.00PM**<br><br>**RESERVED FOR DAILY MARKET HAWKERS FROM 5.30AM TILL 3.00PM** |
| 56.3.15 | **Bord tal-Interview għal għażla ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid.** |
| | Wara li saru l-*interviews* għas-Segretarji Eżekuttiv, kien hemm 3 applikazzjonijiet għall-Marsaxlokk. Is-Sindku ppropona lis-Sur Adrian Mifsud, is-Sur Duncan Hall u lis-Sur Karl Cutajar. Kien hemm qbil unnanimu bejn dawk preżenti. |
| **56.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |

| | |
|---|---|
| 56.4.1 | Elenia Desira staqsiet dwar tappiera tad-drenagg fuq banikna fi Triq is-Salvatur sabiex titranġa. Is-Sindku qalla li dawn teknikament m'humiex responsabbiltà tal-Kunsill peress li dik hija privata. Din għanda tissewwa mir-resident. |
| 56.4.2 | Stephen Caruana staqsa dwar siġra taċ-ċipress mejta sabiex titneħħa. Is-Sindku qal li ser jitlob lil ERA dwar dan. |
| 56.4.3 | Stephen Caruana ressaq ilment mingħand ir-residenti fejn qal li qegħdin jagħmlu petizzjoni minħabba il-*coaches* għax ma jriduhomx hemm. |
| 56.4.4 | Stephen Caruana informa li organizza ħarġa f'April għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira, f'Mejju għal Jum l-Omm, ġurnata kompluta bil-Buffet ġewwa lukanda u f'Ġunju Ġita gewwa Sqallija. |
| 56.4.5 | Daniel Zerafa staqsa dwar il-*cameras* u s-Sindku qal li ix-xogħol ser jibda fil-ġimgħa li ġejja. Fil pjazza twaħlet il-kaxxa u anki l-arloġġ. Jonqos biss it-tlett pilasti ta man-naħa tal-baħar. |
| **56.5** | **Skemi Ġodda** |
| 56.5.1 | **SPI/SCI/01/2023** – *Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024* |
| | Wara diskussjoni bejn il Kunsilliera, ġie maqbul li ssir applikazzjoni biex isiru l-attivitajiet tal-Milied. Għalhekk ser titressaq proposta ta attivitajiet f'din l-iskema. |
| 56.5.2 | **SPI/SCI/02/2023** – *Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex* |
| | Wara diskussjoni fejn is-Sindku nforma li staqsa lil min jieħu ħsieb il-librerija pubblika, u qalulu li hemm bzonn xi tabelli u manutenzjoni tal-istess librerija għalhekk ser issir applikazzjoni f'dan ir-rigward. |
| 56.5.3 | **SPI/SCI/03/2023** – *Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023* |
| | Wara diskussjoni ġie deċiz li ssir attività bhal tas-sena l-oħra permezz ta' din l-iskema fejn isir tindif fin-naħa tal-Kalanka. Għalhekk se ssir applikazzjoni f'dan ir-rigward. |
| 56.5.4 | ***SPI/SCI/04/2023 –*** *Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati* |
| | Wara diskussjoni fejn is-Sindku nforma li ser issir proposta f'din l-iskema biex isir ftehim ma kuntrattur tat-*Towing* biex tkun tista' tinzamm iktar kontroll tal-*parkings* ġewwa Marsaxlokk. |
| 56.5.5 | ***SPI/SCI/05/2023 –*** *Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali* |
| | Il-Kunsill qabel li ser terga tiġi preżentata l-proposta ta' manutenzjoni tax-Xatt is-Sajjieda. Għalhekk ser japplika għal din l-iskema bl-istess propostà tas-sena l-oħra. |
| **56.6** | **Monti fost il-Ġimgħa – Diskussjoni** |

| | |
|---|---|
| 56.6.1 | Is-Sindku resaq il-pjanti bil-qisien different proposti. Daniel Zerafa innota li kien hemm waħda nieqsa, dik tal 15”. Is-Sindku qal li ser jgħid lill-Perit biex jgħamilha din l Ġimgha u tiġi preżentat biex tiġi diskussa. Ser issir laqgha b’urgenza dedikata ghal din il materja.<br>Rigwar il Monti tal-Ħadd skond il pjanta jidħlu 20 posta. Dawk li jiċċaqalqu ser ikollhom post għall vann. |
| **56.7** | ***Planning Authority*** |
| 56.7.1 | Is-Sindku semma l-ittra t’oġġezzjoni li kienet saret daħlet tard. Daniel Zerafa talab li din l-ittra tiġi ippublikata fuq is-siti tal kunsill u fakkar li rigward dan kien ittieħed vot. |
| 56.7.2 | Daniel Zerafa qal li hemm kont ta €500 dwar il-Kawża tal-barumbara ta’ Triq il-Luzzu. Sar qbil bejn dawk preżenti li jitħallas. |
| 56.7.3 | Inħarġu diversi *enforcement letters* fejn twittiet xi art sabiex jitpoġġew Caravans. |
| **56.8** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 56.8.1 | Skeda pagament u petty cash. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana issekonda. Din ġiet approvata b’mod unnanimu bejn dawk preżenti. |
| **56.9** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 56.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17.30h, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 t’April 2023, fl-16.30h. |

Ikkonfermati, illum 24 t’April 2023

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*